

# IT-TRIBUNA TA' PINTO F'ĦAL QORMI

*Kitba ta' Dr Joseph F. Grima*

***Habita relatione, Terram Curmi erigimus in civitatem, imponentes ei nomen Pinto.*** Dawn il-kliem ta' digriet uffiċjali governattiv bil-Latin jiġbru f'sentenza waħda r-rabta dejjiema u ewlenija ta' Ħal Qormi mal-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca għax, permezz tagħhom, nhar il-25 ta' Mejju 1743, laqa' t-talba li kienet saritlu f'isem il-poplu qormi mill-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Vella, u ddegreta li l-art ta' Ħal Qormi titgħolla għad-dinjità u ġieħ ta' belt u li tingħata ismu stess. Jekk inħarsu lejn kif kienu jsejħu 'l Ħal Qormi qabel l-1743, normalment dan ir-raħal insibuh imniżżel fid-dokumenti uffiċjali bħala Curmi, Terra Curmi jew Casal Fornaro. Minn meta ħareġ dan id-digriet, fid-dokumentazzjoni ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u wkoll fis-snin tas-seklu dsatax, invarjabilment nibdew ukoll insibuh imniżżel bit-Taljan bħala Citta' Pinto, il-Belt Pinto bil-Malti.

Minħabba din ir-rabta hekk sħiħa bejn Pinto u Ħal Qormi, wieħed forsi jistenna li jsib xi tifkiriet li jġibulna quddiem għajnejna din il-konnessjoni. Inħallu barra dak li sar f'dawn l-aħħar żewġ sekli – bħal, ngħidu aħna, l-isem tas-Soċjeta' Filarmonika Pinto, l-isem ta' triq (Triq Pinto), statwi tiegħu armati fiż-żewġ festi titulari qormin, u l-istemma (l-arma) uffiċjali ta' Ħal Qormi – u mmorru lura lejn is-seklu li fih għex dan il-Gran Mastru. Ikollna bil-fors nammettu li t-tifkiriet arkitettoniċi u artistiċi m'humiex ħafna: xi ftit djar li m'għandhom ebda konnessjoni miegħu, dar bl-arma tiegħu fuq il-bieb fi Triq il-Mitħna mgħammda bħala Dar Pinto, xi pitturi li saru fi żmienu u binja zgħira, magħrufa bħala t-Tribuna ta' Pinto, qrib ħafna tal-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan, f'dak il-lok li kien ġie mgħammed bl-isem Il-Kortil tal-Gran Mastru.

Dan ma jfissirx li f'Ħal Qormi ma kienx hawn wirt storiku arkitettoniku li ntilef maż-żmien, jew kultant inqered minħabba l-pressjoni u l-għajta ta' l-hekk imsejjaħ progress. Iżda hu fatt innegabbli li l-akbar prova okulari tar-rabta qormija ma' dan il-Gran Mastru Portugiż hi din it-tribuna li fuqha tixhed li llum għandha 228 sena. Fil-fatt, l-iskrizzjoni bil-Latin li għadha teżisti fuqha, meta naqilbuha għall-Malti, tgħid hekk: Meta għalaq 31 sena Gran Mastru. U niftakru li Pinto kien leħaq kap ta' l-Ordni ta' San Ġwann fl-1741, minbarra li kien l-uniku wieħed li dam isaltan daqstant snin, anzi 32 sena biex ikunu preċiżi.

Iżda, fiha nfisha, din il-binja ħelwa hi enigma għax ħadd għadu ma ħareġ b'raġuni valida li tispjega għaliex ittellgħet. Ħdejha darba kien hemm bieb tond, qisu ta' ġnien kbir, bis-sena 1770 minquxa fuqu. Illum m'hawn xejn ta' dak is-seklu tmintax għajr it-tribuna. Mhux hekk kienet is-sitwazzjoni sa l-1981 għax din it-tribuna kienet kważi tmiss ma' bini ta' kumpless agrikolu li hu maħsub kien l-abitazzjoni ta' komunita' agrikola. Dan il-bini kellu konnessjoni mill-qrib ma' Pinto għax parti minnu kien użat bħala stalel għaż-żwiemel maġistrali li nsibu referenzi għalihom f'manuskritt tal-Librerija Nazzjonali ta' Malta. Hekk naraw li, fit-2 ta' Awissu 1772, Pinto (minkejja li kien għalaq id-90 sena) ħasad lil kulħadd billi ordna spezzjoni personali taż-żwiemel li kellu f'dawn l-

istalel u wieħed jista' jimmaġina l-furja tiegħu meta pprezentawlu bhejjem li ċertament kienu neqsin mill-ikel u l-attenzjoni meħtieġa. M'għandniex xi ngħidu, il-Kavallier Cittarella, li kien responsabbli, tilef postu u l-prestiġju li kien igawdi minn din il-ħatra.

Semmejt dan kollu biex nuri l-konnessjoni li kellu Pinto ma' dan il-lok, post li rridu dejjem inżommu f'rasna kien kemmxejn 'il barra minn Ħal Qormi ta' dak iż-żmien billi r-raħal kien jasal sa fejn illum hemm l-Għassa tal-Pulizija li kienet l-armerija tal-lokal. Kien 'il barra mill-periferija ta' Ħal Qormi u dan kollu jkompli jżid ma' l-enigma assoċjata ma' din it-tribuna.

Iżda jekk ma nafux x'kienet din it-Tribuna nistgħu, min-naħa l-oħra, ngħidu x'ma kinitx għax, ngħiduha kif inhi, inkitbu u ntqalu bosta ħmerijiet dwarha. Kien hemm min qal li Pinto kien jiġi hawnhekk biex jara t-



*It-Tribuna ta' Pinto kif kienet qabel ma ġiet restawrata fl-1981. Warajha jidher ħajt li kien jagħmel parti minn kumpless agrikolu tas-seklu 18.*

tigrijiet tal-bhejjem, ħaġa li ma setgħetx tkun għax kull ma kien hawn quddiemha kienet parti mill-pjanura tal-Marsa li ħafna minnha kienet għadha bassasa, jew marshland bl-Ingliż. Dan apparti l-fatt li ma kienet teżisti ebda korsa taż-żwiemel fil-gżira. Niftakar ukoll li, snin ilu, wieħed kien qal fuq programm popolari tar-radio li din it-tribuna kienet timmarka l-bidu tal-artijiet ta' Stagno. Iżda din il-persuna insiet li l-Palazz ta' Stagno qiegħed wara l-Knisja ta' San Ġorġ, distanza kbira ħafna mit-tribuna u li bejnha u l-palazz kien ilu jeżisti l-bini għal mijiet tas-snin. Ukoll ġie li smajt li nbniet biex taħtha jinġabru l-qbiela tal-bdiewa, ħaġa improbabbli biex ma ngħidux ħaġ'oħra. Min ser joqgħod jibni tribuna dekorattiva bħal din biex sempliċement jiġbor il-qbiela taħtha?



*It-Tribuna ta' Pinto kif tidher illum, wara restawr u riabilitazzjoni tal-lokal li sar fl-2000.*

Irridu nkunu sinċieri magħna nfusna u nammettu li ma nafux għaliex inbniet din it-tribuna. Iżda, minkejja dan, ser nażżarda nispekula xi ftit jien ukoll. Ħal Qormi kien l-ewwel raħal f'Malta li ngħata t-titlu ta' belt u warajh, aktar tard fl-istess seklu, Ħaż-Żebbuġ u ħaż-Żabbar fl-1777 u fl-1797 rispettivament.

Dawn iż-żewġt irħula-bliet, bħala tifkira, t-tnejn waqqfu bieb triumfali fis-snin ta' wara, anzi dak ta' Ħaż-Żebbuġ damu 21 sena sakemm tellgħuh fil-waqt li dak Żabbari sar fl-1801. (Is-Siġġiewi wkoll sar belt fl-1797 iżda ma saret ebda tifkira ta' dan l-avveniment.) F'Ħal Qormi ma jidher li ttella' ebda bini biex jikkommemora l-ġrajja tal-1743 u allura, ngħid jien, jista' jkun li din it-tribuna ttellgħet biex tfakkar l-għotja ta' l-isem Belt Pinto lil Ħal Qormi? Min jaf? Jista' jkun iva u jista' jkun le.

Madankollu, minkejja kollox u kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi, xorta waħda jibqa' l-fatt li din it-tribuna hi l-aktar xogħol arkitettoniku f'Ħal Qormi li jorbot flimkien lill-Gran Mastru u l-belt li ġġib ismu, **Citta' Pinto**.

**Joe Mangion Butcher**

*for fresh & frozen meat*
*St. Sebastian Street, Qormi*
*Tel: 2149 1509*

Joe Cassar
Florist

**Ta' Ruman**
*Tkabbir u Arrangamenti*
*għal kull xogħol*
*ta' fjuri friski*
Mis-7.00am sal-5.00pm
No.93 Ta' Ruman Garage,
Winter Street, Qormi
Tel. 2148 7247
Mob. 9947 6566

**Agħti l-kontribut tiegħek lis-Soċjeta` tagħna billi tidħol soċju u tħeġġeġ lil oħrajn jidħlu wkoll.**